Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 566/2016

Il-Pulizja

Vs

Nicole Anne Testa

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Nicole Anne Testa detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 194098M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil- 5 ta' Mejju, 2015 fid-disgha u nofs ta' filghaxija gewwa Triq it-Torri, Sliema:

1. Saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBO083 b'manjiera perikoluza u traskurata;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi involontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara fil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni NI 02285 ghad-dannu tas-Sur Aleksander Mikaljovic;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi involontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlet hsara fil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni SM01693 ghad-dannu tas-Sur Ciric Bojan;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, involontarjament ikkagunat ferita' ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Aleksander Mikaljovic skont kif iccertifikat minn Dr. Daniel Varnai (med. Reg. 3433) mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna s-sospensjoni tal-licenjza tas-sewqan ghal perjodu li din l-Qorti jidrilha li huwa xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 328(d) u 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(b)(c) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Nicole Anne Testa hatja tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza kif dedotta kontriha, izda ma ssabitiex hajta tal-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi u lanqas ma sabet htija fuq ir-raba' (4) akkuza stante preskrizzjoni trimestrali u kkundannatha ghall-multa ta' erba' mitt ewro (€400). In oltre u a bazi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-imputata thallas l-ispejjes tal-inkjesta li jammontaw ghal-elfejn u wiehed ewro u tlieta u sittin centezmu (€2001.63).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nicole Anne Testa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2016, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi:

A. Tikkonfermaha in kwantu lliberatha mill-ewwel u mir-raba' imputazzjonijiet u
B. Tirrevoka s-sejbien ta' htija taht it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom u minn kull htija skont il-ligi u
C. Fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti taht it-tieni u tielet imputazzjonijiet li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skont il-ligi u di più f'dan il-kuntest li thassar l-ordni maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti:

A. **Dwar zball fid-data tal-incident**

L-esponenti qatt ma hi ser tishaqq illi waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha tal-ghamla Honda Civic b'numru ta' registrazzjoni GBO 083 ma kelliex x'taqsam ma' incident stradali. Anzi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni juru bic-car li dan l-incident stradali effettivament sehh.

Madanakollu, permezz ta' dan l-umli appell, l-appellanti qieghdha tikkontendi li ghalkemm hija kellha x'taqsam f'incident stradali, dan l-incident **ma sehhx fil-5 ta' Mejju, 2015** hekk kif misjub fid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti izda effettivament **sehh fit-8 ta' Mejju, 2015.**

Ta' min jinnota li l-Ewwel Onorabbli Qorti giet indotta fl-izball ghaliex anke l-miputazzjoni migjuba kontra l-esponenti ggib dik id-data hazina ossia tal-5 ta' Mejju 2015.

Fil-fatt l-esponenti tinnega illi nhar il-5 ta' Mejju, 2015, hija kienet involuta f'xi incident stradali bit-tali vettura *supra* dedotta.

Jigi mfakkar kif, fil-kaz odjern ir-reat li tieghu l-esponenti giet misjuba hatja huwa ta' natura delittwali u dana stante li l-piena prospettata hija dik ta' prigunerija, multa jew piena ta' kontravvenzjoni. Madanakolu fil-kaz *de quo*, l-appellanti giet ikkundannatha ghall-piena ta' multa ta' €400. Ghaldaqstant, nstabet hatja ta' reat ta' natura delittwali.

Di piu', skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda pacifika ikun perikoluz hafna ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jaccettaw dawn it-tip ta' zbalji, li huma detrimentali u elementari ghall-ahhar, sabiex jaslu ghall-gudizzju taghhom. Fil-fatt l-esponenti tishaqq li b'konsegwenza ta' dan l-izball, dina l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti f'dana l-umli appell.

Fil-fatt il-Qrati taghna, skond il-kazistika, marru pass altru minn hekk. F'diversi kawzi, il-Qrati taghna ikkonfermaw li mhux id-data biss ghandha tkun preciza izda wkoll il-hin li fih sehh l-incident.
Fil-fatt fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza f'l-ismijiet "Pulizija vs John Mary Briffa"[1], fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

**"L-aggravju principali ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu stante li tali imputazzjoni hija wahda li fiha hemm indikat mhux biss il-gurnata izda hemm ukoll hin partikolari, u cioe` "ghall-habta tas-7.30 p.m.", mentri mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi dak li allegatament sehh fil-fatt gara "ghall-habta tas-7.30 a.m.". L-appellant ghandu ragun."**

Ghaldaqstant, id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti qed tirreferi ghal xi haga li allegatament sehhet **tlett ijiem qabel.** Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident li fih l-esponenti kienet involuta nhar il-5 ta' Mejju, 2015, ghaldaqstant certament tali decizjoni ma tistax tigi kkonfermata fl-appell.

Fil-fatt fl-istess decizjoni supra citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:

[1] Per Onor. Imhallef D. Scicluna

**“L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f’l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab.“**

L-enfasi fuq data u hin preciz tal-allegat incident jemergi minn diversi sentenzi ohrajn. Fil-fatt fis-sentenza tal-Appell Kriminali, deciza nhar l-4 ta’ Dicembru, 2014 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Fenech”, l-Onor. Imhallef M. Mallia jaghmel distinzjoni bejn id-data u l-hin tar-reat in kwistjoni u fatti ohra tar-reat. Fil-fatt l-Onor Imhallef Mallia ssostni li:

**“Bir-rispett ic-cirkostanzi huma ferm differenti. F’dan il-kaz mhuwiex si tratta ta’ hin izda ta’ isem ta’ triq, it-tnejn fl-istess lokalità taz-Zurrieq, wahda Triq Wied iz-Zurrieq u l-ohra Triq Wied, iz-Zurrieq.”**

Fil-fatt permezz ta’ din id-distinzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali timplika li ghalkemm zball fil-post ta’ fejn sar l-allegat incident jista’ b’xi mod jew iehor jigi accettat, madanakollu zball fid-data jew fil-hin ma jista’ qatt ikun accettabbli.

Hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-zewg appelli decizi t-tnejn fid-19 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijjet “Il-Pulizija v. Warren Piscopo” u “Il-Pulizija v. Ruth Theuma” (it-tnejn per Imhallef David Scicluna). F'dawn iz-zewg sentenzi l-meritu kien il-hin u l-Qorti laqghet it-talba li kien hemm hinijiet differenti minn meta allegatament sar ir-reat ghal meta fil-fatt realment sar l-allegat reat.

Tistaqsi l-esponenti, jekk fil-kazijiet ta’ Briffa, Fenech, Piscopo u Theuma, kollha *supra* ndikati, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li data zbaljata qatt ma tista’ tkun accettata u kkonfermata fl-istadju tal-appell, ghalfejn fil-kaz taghha le? X’hemm differenti bejn l-esponenti u Briffa, Fenech, Piscopo u Theuma *supra* ndikati?

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa altru milli car allura illi l-appellanti ghandha tigi lliberati mid-decizjoni maqtugha kontra

taghha billi din l-istess decizjoni tirreferi ghal perjodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjonijiet kontra taghha. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan l-izball fundamentali, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fid-decizjoni, l-appellanti ma kkommettitx ir-reati lilha addebitati.

**B. <u>Dwar il-kwerela tal-parti offiza</u>**

Dan l-aggravju qiegħed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

L-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali jaghmel distinzjoni bejn il-hsara soffruta mill-parti offiza. Fil-fatt, din id-dispozizzjoni legali tikklassifika r-reat stipulat f'artikolu 328 taht erba' kategoriji. Fil-fatt artikolu 328 jistipula li:

*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaġuna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati -*
*(a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il-persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl- artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);*
*(c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);*
*(d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:*

Madankollu l-*proviso* ta' dan l-artikolu jistipula li:

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, hlief vettura bil-mutur**, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza.***

Stante li l-konsegwenzi kkaggunati bl-agir tal-appellanti ma jinkwadrawx taht paragrafu (a), (b) jew (c) tal-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, allurra japplika paragrafu (d). Ghaldaqstant, skond il-*proviso supra* citat, tali proceduri setghu jinbdew biss bil-kwerela tal-parti offiza.

Ghaldaqstant l-esponenti, permezz ta' dan l-umli appell, qieghda tikkontendi illi l-imputazzjonijiet taht l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali huma legalment insostenibbli. Dan ghandu jinqara fid-dawl tal-fatt li l-parti offiza qatt ma xehdet f'dawn fil-proceduri odjerni u l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova tal-kwerela tal-parti leza, liema kwerela hija rikjesta mil-ligi *ad validitatem sine qua non* ghal dan ir-reat u liema kwerela ma tistax tigi prezunta li tezisti f'dawn it-tip ta' proceduri penali.

Di piu' artikolu 373 tal-Kodici Kriminali jistipula li:

*Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz:*

*Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta….il-Pulizija Ezèkuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.*

Madanakollu, kif kaz in ezami, l-mertu ta' dawn il-proceduri juri kif is-sinistru ma sarx bi vjolenza pubblika u wisq anqas b'reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku.

Illi fid-decizjoni mhux kontesta fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Edgar Grima"[2], il-Qorti sostniet li:

**"Illi ndipendentement minn dan li ghadu kemm nghad il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ai termini tac-citat Artikolu 328 kull procediment ghab-bazi ta' dan l-Artikolu seta jittiehed biss bil-kwerela tal-parti leza stante li l-hsara la kkagunat mewt u la feriti gravi fuq terzi."**

Hawnhekk, ghandha ssir referenza wkoll ghall-appell kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Joseph Portelli"[3], fejn il-Qorti riteniet:

**"L-appellant ghandu erba' aggravji. Dawn jistghu jigu sintetizzati hekk: (i) illi galadarba r-reat ipotizzat bir-raba' imputazzjoni huwa dak ta' hsara involontarja skond l- Artikolu 328(d) tal-Kap. 9, liema reat f'dan il-kaz kien prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza, u galadarba ma hemmx prova ta' tali kwerela, allura "ir-raba' akkuza ma tistax u ma setghet qatt timxi oltre u l-imputat kellu bil- fors jigi liberat minnha";**

Ghaldaqstant a bazi tad-dispozizzjonijiet legali *supra* citati u tal-gurisprudenza tal-Qrati nostrana, l-esponenti tishaqq li l-imputazzjonijiet taht l-artikolu 328(d) huma prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza u stante li l-prosekuzzjoni tul il-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli ggib tali prova, dawn l-imputazzjonijiet ma setghu qatt jimxu u l-appellanti kellha tigi liberata minnhom.

**C. <u>Dwar l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mal-hsarat tat-tieni mutur</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

---

[2] Deciza 26 ta' Ottubru, 2004, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. Dr. A. Micallef Trigona

[3] Deciza 23 ta' Ottubru, 2009 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Ghalkemm l-esponenti qatt ma hi ser tikkontendi illi waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha tal-ghamla Honda Civic b'numru ta' registrazzjoni GBO 083 ma kelliex x'taqsam ma' incident stradali u li kawza ta' dan l-incident zewg muturi gejjin garrbu xi hsarat. Madanakollu l-esponenti tinnega li d-danni sofferti mill-mutur ta' Bojan Ciric b'numru tar-registrazzjoni SM01693 kienu kawza tal-incident li hija kellha ma' Alesander Mikaljovic.

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku Mario Buttigieg a folio 18 tal-atti processwali, jaghmel referenza ghad-depozizzjoni ta' Bojan Ciric fejn Ciric stqarr li l-mutur ta' Mikaljovic, bl-impatt, baqa' diehel ghal go tieghu.

Tenut kont tas-su espost, ghandha ssir referenza ghal diversi punti u regoli li jemergu mill-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code). Il-punti 158, 159 u 160 ta' dan il-Kodici jistipulaw li:

*158. Issuqx qrib wisq tal-vettura ta' quddiemek u suq b'velocità hekk li tista' twaqqaf mal-ewwel jekk il-vettura ta' quddiemek taghmel manuvra f'daqqa u tnaqqas il-velocità jew tieqaf. L-unika regola zgura hija li qatt ma zzomm qrib aktar mid-distanza generali biex tieqaf.*
*159. Halli d-distanza taz-zewg sekondi bejnek u l-vettura quddiemek f'toroq traffikuzi. Ta' l-anqas irdoppja dan il-hin f'toroq imxarrba, u zidu anke aktar jekk hemm it-tajn fit-triq.*
***160. Ftakar, vetturi kbar u motorcycles jehtiegu distanza itwal biex jieqfu minn karozzi.***

L-esponenti ssostni li d-danni sofferti minn Ciric setghu facilment jigu evitati kieku l-istess Ciric zamm id-distanza necessarja hekk kif rikjesta mill-Kodici tat-Traffiku fit-Triq, specjalment fid-dawl tal-fatt li mutur jirrekjedi distanza itwal biex jieqaf minn karrozza. Din l-istqarrija tal-esponenti ghandha titqies fid-dawl tar-relazzjoni tal-perit tekniku Mario Buttigeg fejn a folio 21 tal-atti processwali jsostni li:

**"Illi fuq in-naha tax-xellug ma kien hemm l-ebda sinjali f'wicc it-triq la sinjali ta' brejkijiet jew sinjali ta' skid marks."**

Ghaldaqstant fid-dawl tas-su espost l-esponenti temmen li hija qatt ma setghet tinstab hatja li kkawzat hsara lil Bojan Ciric stante li kien l-istess Ciric li ma osservax ir-regoli tat-triq u li kieku tali regoli kienu osservati, il-hsarat sofferti minnu kienu jigu evitati.

**D. <u>Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali</u>**

L-appellanti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha inkorsi fl-Inkjesta dwar l-In Genere fl-ammont ta' €2,001.63. Madanakollu l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jistipula:

*(1) **<u>Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio</u>**, il-qorti għandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l- ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

*A contrario sensu*, fi proceduri li jittiehdu bis-sahha tal-kwerela tal-parti offiza, il-Qorti ma tistax tapplika dan l-artikolu u allura ma tistax timponi l-hlas ta' dawn l-ispejjez fuq l-esponenti.

F'dan ir-rigward, l-esponenti taghmel referenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom, "Il-Pulizija vs Josef Grech"[4], "Il-Pulizija vs Joseph Abdilla"[5] u "Il-Pulizija vs Josephine Bartolo et."[6] fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet li:

---

[4] Deciza 12 ta' Novembru, 2008 per Onor. Imhallef D.Scicluna
[5] Deciza 28 ta' Jannar, 2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono
[6] Deciza 2 ta' Lulju, 2008 per Onor. Imhallef D. Scicluna

**"…peress kif jirrizulta mill-kwerela tal-Avukat Tufigno ghan-nom ta' Josephine Bartolo (fols. 2 u 3), il-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija ex officio, jidher li f' dan l-aggravju l-appellant ghandu ragun u li m' ghandux jigi kundannat ghall-ispejjez tal-perizja ghax l-ligi titkellem car f' dar-rigward."**

Ghalkemm, fil-kaz odjern, tali proceduri inbdew *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva, madanakollu bl-applikazzjoni tal-artikolu 328, dawn il-proceduri setghu jinfethu biss permezz ta' kwerela kif spjegat aktar qabel.

L-esponenti bir-ragun tistaqsi, kif jista' qatt ikun li hi tkun ikkundannata thallas l-ispejjez tal-perizja meta tali proceduri ma kellhom qatt jinbdew *ex officio*?

Kif jista' jkun li l-esponenti jkollha thallas ghall-izball tal-Pulizija Ezekuttiva frott il-misapplikazzjoni tal-artikolu 328?

Kif qatt jista' jkun gustifikat li zball ta' wiehed ibatih haddiehor?

Ghaldaqstant galadarba dawn il-proceduri **<u>setghu jibdew biss bil-kwerela tal-parti offiza</u>** u prova ta' tali kwerela baqghet ma ngabitx tul dawn il-proceduri, ma kienx jinkombi fuq l-appellanti illi thallas l-ispejjez perizjali skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**E. <u>Dwar il-Piena</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

L-Artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali jistipula li:

*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaġuna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati –*
*(d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:*

Ghaldaqstant, stante li l-ligi la tipprovdi *minimum* u wisq anqas *maximum*, referenza ghandha ssir ghall-artikolu 11 u artikolu 13 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu 11(1) jsostni:

"Fejn il-ligi ma tghidx espressament xort'ohra, il-*maximum* tal-multa huwa elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u l-*minimum* tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29).

Filwaqt li artikolu 13(1) jistipula li:

"Fejn il-ligi ma tghidx espressament xort' ohra, il-*maximum* tal-ammenda huwa tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (58.23) u l-*minimum* sitt euro u disgha u disghin centezmu (6.99)"

Fid-dawl ta' dawn l-artikoli, l-esponenti tikkonkludi li l-minimu li setghet kienet ordnata thallas kien dak ta' €6.99 fil-waqt li l-massimu kien dak ta €1,164.69.
Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari l-fatt li l-esponenti ma kienetx qed issuq il-vettura taghha b'manjiera perikoluza u traskurata kif ukoll fid-dawl tal-fatt li dan kien accident stradali genwin, il-piena mposta fuqha ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament.

Fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, il-buon sens jissuggerixxi illi dawn ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien. Wiehed ghandu jikkunsidra wkoll cirkustanzi bhall-gravita' tar-reat, il-mod kif twettaq, l-impatt li halla fuq is-socjeta', il-hsara rizultanti,

jekk l-esponenti ghamilx tajjeb ghal dik l-istess hsara kif ukoll il-koperazzjoni tal-esponenti mal-awtoritajjiet koncernati. Jinghad ukoll li filwaqt li l-gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tal-istess socjeta' madanakollu l-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta tal-pubbliku in generali. Kif sostna Lord Justice Lawton fil-kaz R v Sargeant[7]:

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Ikkunsidrat,

Illi l-appell intentat mill-imputata Nicole Anne Testa huwa limitat ghas-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet addebitati lilha, li jikkontemplaw ir-reat tal-hsara involontarja. Dan ghaliex l-appellanti giet illiberata mill-ewwel u r-raba akkuzi fejn allura hija ma instabitx hatja ta' sewqan traskurat u perikoluz u ukoll li ikkagjonat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alexsander Mikaljovic. Issa l-Ewwel Qorti sejset il-motivazzjonijiet taghha meta giet biex tistabbilixxi r-reit'a fl-appellanti kif inghad, fuq il-konkluzjonijiet raggunti mill-Inkwirenti fl-inkjesta magisterjali li saret dwar dan is-sinistru stradali.
Issa l-appellanti preliminarjament fl-ewwel lanjanza minnha imqanqla tishaq illi qatt ma setghet tinstab htija ghall-ebda akkuza addebitata lilha billi id-data ta'l-incident gie indikat hazin fic-citazzjoni bl-incident li sehh fit-08 ta' Mejju 2015 jigi indikat fl-akkuza li sehh fil-05 ta' Mejju ta' dik is-sena. L-appellanti tikkontendi illi fil-jum indikat fl-akkuza u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015 hija qatt ma kienet involuta fl-ebda incident stradali bil-vettura taghha GBO0083.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

---

[7] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……"*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[8]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Illi maghdud dan, allura din il-Qorti ma tistax ma taghtix ragun lill-appellanti f'dan l-ewwel aggravvju minnha intentat. Dan ghaliex immedjatament minn qari ta'l-ewwel dokument li jinsab inserit fl-atti a fol.5 tal-process u cioe' il-*PIRS report* li gie imhejji in konnessjoni ma' dan l-incident stradali johrog minnufih illi d-data meta

[8] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Magistrati)

sehh dan is-sinistru kienet tat-08 ta' Mejju 2015 fid-9:30 ta' fil-ghaxija gewwa Triq it-Torri, f'Tas-Sliema. Jibda biex ighid hekk dan ir-rapport:

**"On the 08/05/2015 at 21:30hrs, St. Julian's police station were informed telephonically that there's an accident at Tower Road, Sliema. .."**

L-istess data u hin jigi indikat fl-affidavit ta' WPS 304 Mifsud li investigat dan l-incident. Imbaghad l-Ispettur Caroline Fabri tindika fl-affidavit taghha illi addirittura l-incident sehh fid-09 ta' Mejju, gurnata wara! L-atti ta'l-inkjesta ukoll jindikaw id-data bhala dik tat-08 ta' Mejju 2015. Dan jirrizulta mill-procès verbal esebiet a fol.19 et sequitur tal-process u r-rapporti ta'l-esperti kollha nominati fl-istess.

Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell ta'l-imputata jisthoqqlu akkoljiment abbazi ta' dan l-ewwel aggravvju minnha intentata. Il-Qorti ghalhekk ma tarax illi hemm ghalfejn tinoltra ruhha fi stharrig tal-impunjattiva l-ohra li jinsabu fir-rikors ta'l-appell.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata, u tghaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur